

Brussell, 18 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0092 (NLE)

7959/18
ADD 2

WTO 63
SERVICES 12
COASI 80

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 193 final - ANNEX 2 - PART 1/5
Suġġett:	ANNESS għal Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 193 final - ANNEX 2 - PART 1/5.

Mehmuż: COM(2018) 193 final - ANNEX 2 - PART 1/5



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 193 final

ANNEX 2 – PART 1/5

ANNESS

għal

Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

ANNESS 2-A

ELIMINAZZJONI U TNAQQIS TAT-TARIFFI

PARTI 1

Noti ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2.8, kull Parti għandha telimina b'mod sħiħ id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina tal-Parti l-oħra fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.
2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' pagamenti akkont annwali, japplika dan li ġej:
 - (a) it-tnaqqis għall-ewwel sena għandu jseħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u
 - (b) it-tnaqqis annwali sussegwenti għandu jseħħ fl-ewwel ġurnata ta' kull sena li tiġi wara.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "sena" tfisser:
- (a) fil-każ tal-Parti 2, fir-rigward tal-ewwel sena, il-perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u, fir-rigward ta' kull sena sussegwenti, il-perjodu ta' tnax-il xahar wara t-tmiem tas-sena preċedenti; u
 - (b) fil-każ tal-Parti 3, fir-rigward tal-ewwel sena, il-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-31 ta' Marzu ta' wara, u fir-rigward ta' kull sena sussegwenti, il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' April ta' dik is-sena.
4. Ir-rata bażi tad-dazju doganali u l-kategorija sabiex tiġi ddeterminata r-rata interim tad-dazju doganali f'kull stadju tat-tnaqqis għal linja tariffarja huma speċifikati għal dik il-linja tariffarja fl-Iskedi tal-Unjoni Ewropea fit-Taqsima B tal-Parti 2 u tal-Ġappun fit-Taqsima D tal-Parti 3.
5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Partijiet 2 u 3, "rata bażi" tfisser il-punt tat-tluq tal-eliminazzjoni jew tat-tnaqqis tad-dazji doganali.

6. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness, għall-finijiet tal-eliminazzjoni u tat-tneħħija tad-dazji doganali f'konformità ma' dan l-Anness, fil-każ ta' dazji *ad valorem*, kwalunkwe frazzjoni li tkun inqas minn 0.1 ta' punt perċentwali għandha titqarreb għall-eqreb pożizzjoni deċimali (fil-każ ta' 0.05 fil-mija, il-frazzjoni għandha titqarreb għal 0.1 fil-mija), u, fil-każ ta' dazji speċifiċi, kwalunkwe frazzjoni iżgħar minn 0.01 ta' euro waħda jew yen Ġappuniż wieħed għandha titqarreb għall-eqreb żewġ pożizzjonijiet deċimali (fil-każ ta' 0.005, il-frazzjoni għandha titqarreb għal 0.01).
7. Dan l-Anness huwa bbażat fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017 u:
- (a) fil-każ tal-Parti 2, il-kodiċi bi tmien ċifri tan-numri tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-Unjoni Ewropea u d-deskrizzjoni korrispondenti għal kull linja tariffarja msemmija fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea huma bbażi fuq in-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea (Nomenklatura Magħquda tal-1 ta' Jannar 2017); u
 - (b) fil-każ tal-Parti 3, il-kodiċi b'disa' ċifri tan-numri tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-Ġappun u d-deskrizzjoni korrispondenti għal kull linja tariffarja msemmija fl-Iskeda tal-Ġappun huma bbażati fuq in-nomenklatura nazzjonali tal-Ġappun (Listi ta' Kodiċijiet Statistiċi għall-Importazzjonijiet mill-1 ta' April 2017).

8. Għal aktar ċertezza, in-numri tal-klassifikazzjoni tariffarja u d-deskrizzjonijiet korrispondenti tagħhom imsemmija fl-Iskeda ta' kull Parti jistgħu jkunu soġġetti għal bidla fil-każ ta' xi emenda għan-nomenklatura tagħha msemmija fil-paragrafu 7, f'konformità mal-liġijijiet, ir-regolamenti jew in-notifiki pubbliċi tagħha, u għandha ssir referenza għalihom flimkien mat-tabelli ta' korrelazzjoni ppubblikati minn kull Parti f'każ li sseħħ xi bidla fin-nomenklatura

PARTI 2

Eliminazzjoni u tnaqqis tat-tariffi – l-Unjoni Ewropea

TAQSIMA A

Noti għall-Iskeda tal-Unjoni Ewropea

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2.8, japplikaw il-kategoriji li ġejjin indikati fil-Kolonna "Kategorija" fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea fit-Taqsima B:
 - (a) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B3" għandhom jiġu eliminati f'erba pagamenti akkont annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;
 - (b) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B5" għandhom jiġu eliminati fsitt pagamenti akkont annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;

- (c) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B7" għandhom jiġu eliminati fi tmien pagamenti akkont annwali ugwali li jibdw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;
- (d) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B10" għandhom jiġu eliminati fi 11-il pagamento akkont annwali ugwali li jibdw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;
- (e) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B12" għandhom jiġu eliminati fi 13-il pagamento akkont annwali ugwali li jibdw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;
- (f) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b""B15" għandhom jiġu eliminati fi 16-il pagamento akkont annwali ugwali li jibdw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;

- (g) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b'"EU10" għandhom jibqgħu fir-rata bażi mill-ewwel sena sas-seba' sena u għandhom jiġu eliminati f'erba pagamenti akkont annwali ugwali li jibdew fl-ewwel ġurnata tat-tmien sena, u wara dan, din il-merkanzija għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe dazju doganali;
- (h) id-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b'"X" huma esklużi mit-tnaqqis jew mill-eliminazzjoni f'dan il-Ftehim;
- (i) id-dazji doganali (inkluż l-element agrikolu tad-dazju¹ (immarkat b'ħala "EA") fejn dan l-element jissewma' b'ħala parti mir-rata bażi) fuq il-merkanzija li toriġina taħt il-linji tariffarji indikati b'"R5" għandhom jitnaqqsu bil-perċentwal indikat fl-Iskeda f'sitt pagamenti akkont annwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

¹ Referenza Legali għal EA: L-Anness 1 għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1821 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

- (j) id-dazji doganali (inkluż l-element agrikolu tad-dazju (immarkat bħala "EA") fejn dan l-element jissemma' bħala parti mir-rata bażi) fuq il-merkanzija li toriġina taħt il-linji tariffarji indikati b'"R7" għandhom jitnaqqsu bil-perċentwal indikat fl-Iskeda fi tmien pagamenti akkont annwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (k) id-dazji doganali (inkluż l-element agrikolu tad-dazju (immarkat bħala "EA") fejn dan l-element jissemma' bħala parti mir-rata bażi) fuq il-merkanzija li toriġina taħt il-linji tariffarji indikati b'"R10" għandhom jitnaqqsu bil-perċentwal indikat fl-Iskeda fi 11-il pagament akkont annwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u

- (l) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq il-merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati bi "prezz ta' dħul" għandu jiġi eliminat fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; l-eliminazzjoni tat-tariffi għandha tapplika biss għall-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali; il-komponent tad-dazju speċifiku tad-dazji doganali li jirriżultaw mis-sistema tal-prezz ta' dħul¹ fuq din il-merkanzija li toriġina għandu jinżamm.
2. It-trattament ta' merkanzija li toriġina kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati b'"S" fil-Kolonna "Nota" fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea fit-Taqsima B għandu jkun soġġett għal reviżjoni skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 2.8.

¹ Referenza ġuridika għall-prezzijiet ta' dħul: L-Anness 2 għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1821 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.